# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 335/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Michael Mallia)

vs

**Marouska Attard**

bint Albert , imwielda Pieta', fil-25 ta' Settembru, 1982 detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 520882(M)

Illum 30 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellata Maruska Attard quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar it-30 ta' Awwissu, 2006, f'San Ġiljan, għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija, flimkien ma' persuna jew persuni oħra mhux magħrufa, ikkommettiet serq ta' hand bag kontenenti diversi oġġetti fosthom flus kontanti u apparat ċellulari tal-marka Samsung, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €232.93 iżda inqas minn €2,329.37 u bil-ħin, u li seħħ għad-detriment ta' Concetta Montalto.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' Ġunju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat

l-atti kollha tal-kawża, lliberat lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fit-23 ta’ Lulju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha miġjuba f'dan il-każ issib lill-imputata appellata ħatja tal-akkużi kif dedotti kontra tagħha u tinfliġġi l-piena skont il-Liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi fit-08 ta' Lulju 2013 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita, għamlet enuċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba, nonche serħet il-konklużjoni tagħha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza fl-ismijiet hawn fuq premessi ddeċidiet, wara li għamlet referenza għall-insenjamenti stabbiliti fis-sentenza Kostituzzjonali ta' Charles Steven Muscat v l-Avukat Generali, datata 08.1.12, li tiskarta l-istqarrija mogħtija mill-imputata appellata lill-Pulizija a bażi tal-fatt illi din ma kienetx assistita minn avukat difensur u li tali nuqqas ma setax jiġi ġustifikat minħabba l-fatt illi mill-fedina penali tal-istess imputata appellata ma jidhirx li din il-persuna kellha xi karattru raffrettarju;

Illi b'kull dovut rispett, ben konxju tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs l-Avukat Generali, datata 08 t'Ottubru 2012, l-esponenti ma jaqbel xejn mal-interpretazzjoni mogħtijja mill-Qorti tal-Maġistrati ta' din is-sentenza, b'mod partikolari fejn ippronunżjat ruħha illi l-istqarrija tal-imputata appellata kellha tiġi skartata minħabba r-raġuni imsemmija fil-paragrafu li jiġi eżattament qabel dan;

Illi preliminarjament jiġi umilment rilevat illi ai termini tal-paragrafru 14 tas-sentenza hawn fuq ċitata, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet illi *" ... l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzioni huwa dak għal smiegħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita', ikun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għas-smigħ xieraq*

*jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien ragonenoli u bil-garanzija xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx għal ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għalhekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad- drittijiet."*

[emfasi tal-esponenti]

Illi ai termini tal-paragrafu numru 15 tal-istess sentenza dik il-Qorti kompliet ittenni illi '*għalhekk li irid tagħmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-awtur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-Qorti hu illi tara jekk dak. in-nuqqas wassalx għal ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq u hekk inħoloqx perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur"*

[emfasi tal-esponenti]

Illi meta eventwalment dik il-Qorti għaddiet sabiex tapplika l-prinċipji stabbiliti f'diversi sentenzi imsemmija fis-sentenza stess ta' Charles Steven Muscat v Avukat Generali, l-istess Qorti, fost affarijiet oħra, qalet illi *"[l-attur] kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi oħra ta' vulnerabilita' hekk li faċilment ikun intimidat bl-ambient fejn issir l-interrogazzioni."*

Illi għalhekk l-esponenti isibha diffiċili jifhem il-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati meta din tgħid illi *"ma jidhirx li mill-fedina penali ... din is-sinjura kellha xi fedina penali raffrettarja li tista' tiġġustifika n-nuqqas tal-avukat difensur ... "* filwaqt li fil-fatt jirriżulta ampjament ċar mill-istess fedina penali kemm illi din ma kienitx l-ewwel darba illi l-imputata appellata kellha x'taqsam mall-ġustizzja u kif ukoll li dawk id-drabi li kellha hekk x'taqsam kienu similarment jirrelataw ma każijiet ta' serq u li għalhekk ċertament ma jistax jingħad illi din kienet xi persuna vulnerabbli li setgħet b'xi mod ġiet intimidata mis-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha!

Illi s-suespost, ovjament, qiegħed jiġi sotto mess mingħajr pregudizzju tal-fatt illi qabel ma beda l-interrogatorju l-imputata appellata kienet ġiet mgħarfa mill-Pulizija stess illi kellha dritt illi tibqa' siekta għad-domandi li kienu ser isirulha waqt l-interrogatorju u dak li kienet ser tgħid seta' jinġieb bi prova f'każ illi eventwalment jinbdew proċeduri kriminali kontra tagħha;

Illi nonostante cio' l-imputata appellata għażlet illi fil-waqt illi twieġeb għal ċertu domandi, għażlet ukoll li ma twieġibx għall-oħrajn; din, minnha nnifisha, hi ċertament evidenza ċara tal-liberta' li kellha l-imputata appellata fid-deċizjoni tagħha tirrispondix għad-domandi magħmula lilha mill-Pulizija u għaldaqstant dan neċessarjament jimporta illi d-dritt tagħha li tibqa' siekta kien salvagwardjat;

Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jerġa jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet ta' *Charles Steven Muscat v l-Avukat Generali, fejn il-Qorti Kostituzzjonali f'paragrafu 31 qalet illi "relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta' sħiħa. Ma hemm ebda xhieda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew ingħataw b'wegħdiet ta' xi vantaġġ* Din il-liberta' *fl-għażla jew iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull pregudizzju minħabba awto*- *inkriminazzjoni. "*

[emfasi tal-esponenti]

Illi l-imputata appellata f'dan il-każ għamlet konfessjoni inkondizzjonata, liema konfessjoni kienet magħmula minnha liberament u li għalhekk japplika se mai għall-fatti specie in kwistjoni l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi testwalment *hekk ;-*
*Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biza', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

[enfasi tal-esponenti]

Illi l-enfażi ta' dan l-artikolu tal-Liġi hu, fost affarijiet oħra, illi dment li din il-konfessjoni tkun magħmula mill-persuna li tirrilaxxjaha volontarjament, u ma tkunx ġiet imgiegħla, jew meħuda

b'theddid, jew b'biża, jew b'wegħdiet, jew bi twebbil ta' vantaġġi, tista' tinġieb bi prova. Il-Liġi teżiġi biss li sabiex konfessjoni tkun valida trid tkun magħmula bir-rieda ħielsa u konsapevoli tagħha - irrispettivament fejn, ma min u meta tkun saret din il-konfessjoni;

Illi għaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent, l-effett legali ta' dan l-artikolu, magħqud mal-fatt li l-imputata appellata kienet ġiet espliċitament imwissija bil-konsegwenzi fil-każ li titkellem mal-pulizija (anke jekk hi tkun tkellmet mingħajr l-assistenza tal-avukat tagħha), u minkejja tali twissija hija liberament tagħżel li tkompli titkellem mal-Pulizija, iwassal sabiex tali prova għandha *tiġi ritenuta bħala prova legalment valida, produċibbli, ammissibbli u rilevanti għal fini tal-kumplament tal-proċeduri legali li jsegwu minn hemmhekk flimkien ma provi oħrajn li tressqu f'dan il-każ;*

Illi meta għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skartat l-istqarrija minħabba l-allegata lezjoni, l-apprezzament tal-provi kif kien pretiż minnha li tagħmel ma sarx u dan peress li f'ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija miġjuba quddiemha anke jekk din l-istqarrija kienet finalment ittieħdet skont il-liġi in vigore dak iż-żmien u li permezz ta' ġurisprudenza nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bħala l-prova regina;

Illi in vista tas-suespost l-esponenti umilment jissottometti illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet erronea meta qalet illi *"minn imkien ma jirriżulta li dan [is-serq] ġie pruvat"* stante illi fil-fatt ġie ampjament ippruvat mill-Prosekuzzjoni illi l-imputata appellata kienet ħatja tar-reat imputat lilha f'din il-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem

ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għal-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi magħmula din il-konsiderazzjoni wieħed għandu biex jgħaddi għall-eżami tal-aggravji tar-rikorrenti u jagħmel analiżi tagħhom. Illi fid-deċiżjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti kellha l-konfort tas-sentenza kostituzzjonali li saret referenza għaliha mill-appellant. L-insenjament ta' dik is-sentenza hi ċara daqs il-kristall u ma tagħti lok għal ebda nterpretazzjoni oħra għajr li dik waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

**Eżami tax-xhieda**

Fix-xhieda tiegħu l-**uffiċjal Prosekutur l-ispettur Michael Mallia** qal li kienet għamlet rapport Concetta Montalto fit-30 t'Awwissu, 2006 dwar is-serq tal-handbag tagħha waqt li kienet mixja San Ġiljan . Kellha diversi affarijiet fih fosthom mobile phone Samsung. Kienet għalhekk saret talba lis-service providers u rriżulta li l-mobile phone kien qed jintuża minn Antonin u Redent Ciantar u li meta ġew mitkellma kiene qalu li xtrawh mingħand Marouska

Attard għalkemm kif ġie għandhom ma kienux qed jaqblu fil-verżjoni. Illi meta kellem lil Marouska Attard hija ammettiet li kellha x'taqsam mas-serqa u ma kinitx tiftakar x'ħadet. L-istqarrija kienet rilaxxjata fit-3 ta' Settembru, 2009.

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu, 2011 xehdet **Concetta Montalto** u infurmat il-Qorti bil-mod kif inġibed il-baskett tagħha waqt li kienet mixja ma oħta quddiem il-Corinthia marina. Kienet niżlet karozza u resqet ħrib ħafna tagħhom , ħasset ġibda u f'daqqa waħda l-baskett ma kienx iktar f'idejha. Kien hemm Turista tielgħa u qaltilha li l-baskett ħaduh tal-karozza u qaltilha l-aħħar tlett numri tal-karozza imma hi ma tiftakarx l-għamla jew il-kulur tal-karozza. Bħala valur tal-affarijiet misruqin ikkalkulat xi ħaġa ' l fuq minn LM 200 u mhux qed tikkalkula l-mobile. In oltre, għarfet il-mobile tagħha mis-sett tar-ritratti immarkati bħala DOk MM2.

**PS 90 Jeffrey Gerada** xehed li kkonferma li l-mobile li kienu sabu kien jaqbel mas-serial number tal-mobile li kien insteraq mingħand is-sinjura Concetta Montalto.

**PC 1247 Noel Massa** xehed li eleva l-mobile Samsung mingħand Antoinette Ciantar.

**Antoinette Ciantar** xehdet li kienet xtrat il-mobile mingħand ħuha Redent u li hu kien xtrah mingħand waħda mill-Marsa u hi ma kinitx miegħu dakinhar. Kienet tixtri linji differenti u kien anke jisselfuh .Inoltre, kkonfermat u ppreżentat l-irċevuta tal-mobile phone li kien ittieħed mill-Pulizija.

Meta xehed **Redent Ciantar** fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2011 xehed li l-mobile phone Samsung kien ġabu mingħand Marouska bi tpartit pero' ma jiftakarx bl-eżatt meta. Dan il-mobile użah hu, oħtu u sussegwentement tagħtu liż-żija. Jiftakar li oħtu kienet tuża numru li jispiċċa bit-25 pero' u li ġieli uża din il-linja hu għax kienet selfitilu oħtu.

Illi l-unika provi li jirriżultaw inkwantu jirrigwarda s-serq huwa mill-istqarrija rilaxxata mill-imputata iżda peress li din ingħatat mingħajr assistenza legali, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li din kellha tiġi skartata bħala prova.

Għaldaqstant wieħed jista' jistrieħ biss fuq ix-xhieda ta' Redent Ciantar li partat il-mobile tiegħu ma' dak li jirriżulta misruq mingħand Marouska Attard, u hawnhekk qed jirriżulta r-reat ta' riċetazzjoni u mhux ta' serq li ġiet akkużata bih.

Illi din il-Qorti ma għandhiex bżonn li tespandi fuq ebda argumentazzjoni miġjub mill-appellant. Il-pozizzjoni f'dawn il-każijiet hija ċara. Kieku kien hemm xi prova oħra għajr l-istqarrija u l-ewwel Qorti ma eżaminatx tali prova l-appellant kien jkollu argument validu xi jressaq. Il-fatti ta' dan il-każ jistrieħu kollu fuq l-istqarrija tal-appellata u ma hemm xejn aktar li jista' jipprova l-akkuża ta' serq. Ir-riċetazzjoni ġiet ippruvata ampjament pero' ma kinitx ġiet akkużata b'dan ir-reat l-appellata.

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal- Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.